IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 2.4.2008
COM(2008) 165 finali

WHITE PAPER dwar

Azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust

{SEC(2008) 404
SEC(2008) 405
SEC(2008) 406}

WHITE PAPER dwar

Azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust

1. SKOP U AMBITU TAL-WHITE PAPER

1.1. Għalfejn White Paper dwar azzjonijiet ta' danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust?

Kull ċittadin jew negozju li jsofri dannu bħala riżultat ta' ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust (l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE) għandu jkollu l-possibbiltà li jitlob kumpens mingħand il-parti li tkun ikkawżat id-dannu. Dan **id-dritt tal-vittmi għall-kumpens** huwa ggarantit mid-**dritt tal-Komunità**, kif fakkret il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-2001 u l-2006[1].

Minkejja l-obbligu li jkun stabbilit qafas legali effettiv li jkun jista' jittraduċi l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għad-danni f'possibbiltà realistika, u minkejja li dan l-aħħar kien hemm xi sinjali ta' titjib f'ċerti Stati Membri, **sa issa, fil-prattika, huwa rari li l-vittmi ta' ksur ta' regolamenti tal-KE dwar l-antitrust jiksbu kumpens** għall-ħsara li tkun saritilhom. L-ammont ta' kumpens li dawn il-vittmi qed jitilfu huwa fil-medda ta' ħafna biljuni ta' euro fis-sena[2].

Fil-*Green Paper* tagħha ta' l-2005, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li dan il-falliment ġej l-aktar minħabba **intoppi legali u proċedurali varji** fir-regoli ta' l-Istati Membri li jrieġu l-azzjonijiet għal danni dwar l-antitrust quddiem il-qrati nazzjonali. Tabilħaqq, dawn il-kawżi għad-danni dwar l-antitrust għandhom għadd ta' karatteristiċi partikolari li ħafna drabi ma jkunux suffiċjentement indirizzati mir-regoli tradizzjonali dwar ir-responsabbiltà u l-proċedura ċivili. Dan jagħti lok għal ħafna **inċertezza legali**[3]**.** Dawn il-karatteristiċi jinkludu l-analiżi fattwali u ekonomika komplikata ħafna li hija meħtieġa, l-inaċċessibbiltà u l-ħabi li spiss ikun hemm ta' provi kruċjali f'idejn l-imputati, li ta' spiss ikun hemm, u l-bilanċ sfavorevoli bejn ir-riskju u l-benefiċċju għal dawk li jressqu talba (l-atturi).

L-ineffettività li teżisti bħalissa ta' l-azzjonijiet għal kumpens dwar l-antitrust hija indirizzata l-aħjar permezz ta' taħlita ta' miżuri sew fil-livell tal-Komunità kif ukoll f'dak nazzjonali, sabiex tinkiseb protezzjoni minima effettiva tad-drittijiet tal-vittmi għal kumpens skond l-Artikoli 81 u 82 f'kull Stat Membri u kundizzjonijiet aktar ugwali għal kulħadd u ċertezza legali akbar madwar l-UE.

Il-Parlament Ewropew[4] qabel mal-konklużjonijiet fil-*Green Paper,* kif għamlu wkoll entitajiet oħra involuti, u talbu lill-Kummissjoni tħejji *White Paper* bi proposti dettaljati biex ikunu indirizzati l-ostakoli quddiem azzjonijiet effettivi ta' kumpens dwar l-antitrust.

---

1 Kawża C-453/99, *Courage u Crehan,* Ġabta, 2001, I-6297, u l-kawżi magħquda C-295-298/04, *Manfredi,* Ġabra, 2006, I-6619.

2 Ara s-sezzjoni 2.2 tar-Rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt (IAR) fl-Anness 2.

3 Ara *ibid,* sezzjoni 2.3.

4 Riżoluzzjoni tal-25 ta' April 2007 (2006/2207(INI)).

*1.2. Skopijiet, prinċipji gwida u ambitu tal-*White Paper

Din il-*White Paper* tqis u tressaq proposti għal għażliet ta' politika u miżuri speċifiċi li jkunu jistgħu jiżguraw, aktar milli hu l-każ illum, li **l-vittmi kollha** ta' ksur tal-liġi tal-KE dwar il-kompetizzjoni **jkollhom aċċess għal mekkaniżmi effettivi ta' kumpens sabiex ikunu jistgħu jieħdu kumpens sħiħ** għad-danni li jkunu sofrew.

Din il-*White Paper* għandha tinqara flimkien maż-żewġ dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni: (a) dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar azzjonijiet ta' danni għall-antitrust tal-KE ("is-SWP"), li jispjega f'aktar dettall il-kunsiderazzjoni li huma l-bażi tal-*White Paper* kif ukoll jipprovdi ħarsa ġenerali konċiża lejn l-*acquis communautaire* li hemm bħalissa; u (b) Rapport ta' Evalwazzjoni ta' l-Impatt (*the* "IAR") li janalizza l-benefiċċji u l-ispejjeż potenzjali ta' diversi għażliet ta' politika, kif ukoll sommarju eżekuttiv ta' dan ir-rapport.

L-iskop primarju ta' din il-*White Paper* huwa dak li jittejbu l-kundizzjonijiet legali għall-vittmi sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom, skond it-Trattat, għal kumpens għal kull dannu li jkunu sofrew minħabba ksur tar-regolamenti tal-KE dwar l-antitrust. Għaldaqstant, il-prinċipju gwida li jinsab l-ewwel u qabel kollox huwa dak tal-**kumpens sħiħ.**

Mekkaniżmi ta' kumpens aktar effettivi jkunu jfissru li l-ispejjeż tal-ksur ta' l-antitrust jinġarru biss minn dawk li jkunu wettqu l-ksur, u mhux mill-vittmi u negozji li jżommu mal-liġi. Rimedji effettivi għall-partijiet privat iżidu wkoll il-possibbiltà li jinkixef għadd akbar ta' restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni u li dawk li jwettqu l-ksur jinżammu responsabbli[5]. It-titjib fil-ġustizzja kumpensatorja għalhekk **minnu nnifsu** għandu jkollu effetti pożittivi fejn tidħol id-**deterrenza** ta' ksur fil-futur, u konformità akbar mar-regoli dwar l-antitrust tal-KE. Il-protezzjoni ta' kompetizzjoni mingħajr xkiel hija parti integrali mis-suq intern u importanti għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona. Kultura ta' kompetizzjoni tikkontribwixxi għal tqassim aħjar tar-riżorsi, effiċjenza akbar fl-ekonomija, aktar innovazzjoni u tnaqqis fil-prezzijiet.

Il-Kummissjoni segwiet il-prinċipju ulterjuri ta' gwida li l-qafas legali għal azzjonijiet ta' danni aktar effettivi dwar l-antitrust għandu jkun ibbażat fuq approċċ ġenwin Ewropew. L-għażliet ta' politika proposti f'din il-*White Paper* għalhekk jikkonsistu minn **miżuri bilanċjati** li għandhom l-għeruq tagħhom fil-**kultura u t-tradizzjonijiet legali Ewropej.**

Prinċipju ta' gwida importanti ieħor tal-politika tal-Kummissjoni huwa dak li **jiġi ppreżervat l-infurzar pubbliku qawwi** ta' l-Artikoli 81 u 82 mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri. Għaldaqstant, il-miżuri mressqa f'din il-*White Paper* huma maħsuba biex joħolqu sistema effettiva ta' infurzar privat permezz ta' azzjonijiet ta' danni li tikkomplimenta, iżda ma tiħux post, jew timmina, l-infurzar pubbliku.

Fid-dawl ta' dan, u f'konformità ma' l-obbligu mfisser mill-Qorti tal-Ġustizzja li *kwalunkwe* vittma ta' ksur dwar antitrust għandu jkollha l-possibbiltà li teżerċita d-dritt tagħha għal kumpens b'mod effettiv, il-kwistjonijiet indirizzati fil-*White Paper* jikkonċernaw, fil-prinċipju, **kull kategorija ta' vittma, kull tip ta' ksur** ta' l-Artikolu 81 u 82, kif ukoll **kull settur ta' l-ekonomija.** Il-Kummissjoni tqis ukoll li jkun xieraq li l-politika tkun tkopri sew **azzjonijiet** dwar danni li jistrieħu, kif ukoll azzjonijiet li ma jistriħux, fuq deċiżjoni ta' ksur minn xi awtorità tal-kompetizzjoni.

---

[5] Ara l-IAR, sezzjoni 2.1.

2. IL-MIŻURI PROPOSTI U L-GHAŻLIET TA' POLITIKA

2.1. Locus standi*: xerrejja indiretti u rimedju kollettiv*

Fil-kuntest tal-*locus standi* biex titressaq kawża, il-Kummissjoni tilqa' l-konferma tal-Qorti tal-Ġustizzja li **"kull individwu"** li sofra danni minħabba ksur dwar antitrust għandu jitħalla jitlob kumpens għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali[6]. Dan il-prinċipju japplika wkoll għal **xerrejja indiretti**, jiġifieri xerrejja li ma kellhomx x'jaqsmu direttament ma' min wettaq il-ksur, iżda li minkejja dan setgħu sofrew danni konsiderevoli minħabba li ngħaddielhom xi ħlas żejjed illegali matul il-katina ta' distribuzzjoni.

Fejn jidħol **il-kumpens kollettiv**, il-Kummissjoni tqis li hemm bżonn ċar għal mekkaniżmi li jippermettu l-ġbir ta' pretensjonijiet individwali tal-vittmi ta' ksur dwar l-antitrust. Il-konsumaturi individwali, iżda anki n-negozji zgħar, speċjalment dawk li sofrew minn **ħsara li kienet imxerrda u li kienet relattivament ta' valur żgħir,** spiss jaqtgħu qalbhom li jressqu azzjoni individwali għad-danni minħabba l-ispejjeż, id-dewmien, l-inċertezzi, ir-riskji u l-piżijiet involuti. Bħala riżultat, ħafna minn dawn il-vittmi bħalissa **għadhom mingħajr kumpens.** F'dawk l-okkażjonijiet rari li fihom jitressaq għadd kbir ta' azzjonijiet individwali dwar l-istess ksur, iqumu **ineffiċjenzi proċedurali**, sew għall-atturi, għall-konvenuti, u għas-sistema ġudizzjarja.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tissuġġerixxi[7] li ssir għaqda ta' żewġ mekkaniżmi kumplimentari ta' kumpens kollettiv sabiex ikunu indirizzati b'mod effettiv dawk il-kwistjonijiet fil-qasam ta' l-antitrust:

- **azzjonijiet rappreżentattivi,** li jitressqu minn **entitajiet kwalifikati,** bħal ma huma assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, korpi statali jew assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, f'isem vittmi identifikati jew, f'każi pjuttost ristretti, identifikabbli. Dawn l-entitajiet ikunu jew (i) maħtura b'mod uffiċjali minn qabel jew (ii) iċċertifikati fuq bażi *ad hoc* minn Stat Membri għal xi ksur partikolari dwar l-antitrust biex iressqu azzjoni f'isem xi wħud mill-membri tagħhom, jew il-membri kollha. kif ukoll

- **azzjonijiet kollettivi parteċipattivi,** li fihom il-vittmi **jiddeċiedu b'mod espliċitu** li jiġbru f'azzjoni waħda l-pretensjonijiet individwali tagħhom għad-danni li jkunu sofru.

Meta wieħed iqis li entitajiet kwalifikati mhux se jkunu jistgħu, jew mhux se jkunu jridu, jsegwu kull talba, huwa meħtieġ li dawn iż-żewġ tipi ta' azzjonijiet **jikkumplimentaw** lil xulxin sabiex ikun hemm garanzija ta' kumpens kollettiv effettiv għal vittmi ta' ksur dwar l-antitrust. Barra minn dan, huwa importanti li l-vittmi ma jinċaħdilhomx id-dritt li għandhom li jressqu azzjoni individwali għad-danni, jekk ikunu jixtiequ hekk. Madankollu, għandu jkun hemm salvagwardji biex ma jiġrix li l-istess ħsara tiġi kkumpensata aktar minn darba.

Dawn is-suġġerimenti dwar azzjonijiet għall-danni fil-qasam ta' l-antitrust huma parti mill-inizjattiva aktar wiesgħa tal-Kummissjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi kollettivi ta' kumpens fl-UE, u jistgħu jkomplu jiżviluppaw f'dan il-kuntest.

---

6 *Manfredi* (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1) punt 61

7 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 2 ta' l-SWP

2.2. Aċċess għall-provi: divulgazzjoni inter partes

Fil-każijiet tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari, jiġu ppreżentati ħafna fatti. Ħafna mill-**provi ċentrali** meħtieġa biex jiġi ppruvat każ għad-danni dwar l-antitrust spiss ikunu **moħbija** u, peress li jkunu **miżmuma mill-konvenut** jew minn partijiet terzi, ġeneralment ma jkunux magħrufa f'dettall biżżejjed minn min iressaq il-każ.

Filwaqt li huwa essenzjali li tingħeleb din **l-assimetrija** strutturali **ta' informazzjoni** u li jitjieb l-aċċess tal-vittmi għall-provi rilevanti, huwa wkoll importanti li **jiġu evitati l-effetti negattivi** ta' obbligi **wesgħin u burokratiċi żżejjed,** inkluż **ir-riskju ta' abbuż.**

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li madwar l-UE għandu jkun hemm **livell minimu ta' divulgazzjoni *inter pares*** dwar każijiet fil-KE ta' danni dwar l-antitrust. Abbażi ta' l-approċċ li wieħed isib fid-Direttiva dwar il-Proprjetà Intellettwali (id-Direttiva 2004/48/KE), l-aċċess għall-provi għandu jkun ibbażat fuq **id-determinazzjoni tal-fatti** u **kontroll ġudizzjarji strett** tal-plawsibilità tat-talba u l-proporzjonalità tat-talba għal divulgazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda[8] li:

- il-qrati nazzjonali għandhom, **taħt kundizzjonijiet speċifiċi,** ikollhom il-poter li jordnaw il-partijiet fil-proċedimenti jew lil partijiet terzi **biex jiżvelaw kategoriji preċiżi ta' provi rilevanti;**

- fost **il-kundizzjonijiet** għal ordni ta' divulgazzjoni **għandu jkun hemm** li l-attur ikun:

  – **ippreżenta l-fatti kollha** u **l-mezzi ta' prova** li huwa **b'mod raġjonevoli** jkollu, sakemm dawn jindikaw **raġunijiet plawżibbli** li minħabba fihom iqum is-suspett li huwa jkun sofra dannu bħala riżultati ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-konvenut;

  – wera għas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa **ma jkunx jista**, wara li jkun għamel l-isforzi kollha li wieħed jista' b'mod raġjonevoli jistenna, **b'xi mod ieħor jippreżenta l-provi meħtieġa;**

  – identifika **kategoriji preċiżi** biżżejjed ta' provi li għandhom jiġu divulgati; kif ukoll

  – issodisfa lill-qorti li l-miżura ta' divulgazzjoni maħsuba hija sew **rilevanti** għall-kawża kif ukoll **meħtieġa u proporzjonata.**

- trid tingħata protezzjoni xierqa lid-dikjarazzjonijiet ta' l-impriżi minn dawk li japplikaw għall-klemenza u lill-investigazzjonijiet ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni;

- Sabiex **ma jkunx hemm il-qerda ta' provi rilevanti** jew **ċaħda** li tkun irrispettata ordni ta' divulgazzjoni, il-qrati għandu jkollhom il-poter li jimponu **sanzjonijiet** li jkunu **ta' deterrent** suffiċjenti, inkluż l-għażla li jinġibdu konklużjonijiet sfavorevoli fil-proċedimenti ċivili għad-danni.

---

[8] Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 3 ta' l-SWP

2.3. L-effett vinkolanti ta' deċiżjonijiet ta' l-ANK

Kull meta l-**Kummissjoni Ewropea** tiddeċiedi li jkun hemm ksur ta' l-Artikolu 81 jew 82 tat-Trattat tal-KE, il-vittmi tal-ksur jistgħu, bis-saħħa tal-każistika stabbilita, kif ukoll bis-saħħa ta' l-Artikolu 16(1) tar-Regolament 1/2003, joqogħdu fuq din id-deċiżjoni bħala prova vinkolanti fi proċeduri ċivili għad-danni. Fejn jidħlu **deċiżjonijiet** min-naħa ta' awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (ANKs), li fihom jiddikjaraw li jkun seħħ ksur ta' l-Artikolu 81 jew 82, regoli bħal dawn jeżistu biss f'xi wħud mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni ma tarax raġuni għaliex deċiżjoni finali[9] dwar l-Artikolu 81 jew 82, meħuda minn ANK fi ħdan in-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN), kif ukoll sentenza finali minn qorti ta' reviżjoni li tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-ANK, jew li hija stess taqtagħha li kien hemm ksur, ma għandhiex tkun aċċettata f'kull Stat Membru bħala prova irrifjutabbli f'kawżi ċivili ta' danni dwar l-antitrust li jsiru wara.

Regola b'dan l-effett għandha tiggarantixxi **applikazzjoni** aktar **konsistenti** ta' l-Artikolu 81 u 82 minn korpi nazzjonali differenti u żżid **iċ-ċertezza legali.** Għandha wkoll iżżid b'mod sinifikanti **l-effettività u l-effiċjenza proċedurali** ta' azzjonijiet għad-danni dwar l-antitrust: f'każ li l-konvenuti jkunu jistgħu jikkontestaw il-ksur tagħhom stess ta' l-Artikoli 81 jew 82, stabbilit f'deċiżjoni minn ANK u, possibbilment, ikkonfermata minn qorti ta' reviżjoni, il-qrati li quddiehom titressaq azzjoni għal kumpens ikunu obbligati jerġgħu jeżaminaw il-fatti u l-kwistjonijiet legali diġà investigati u evalwati minn awtorità pubblika speċjalizzata (kif ukoll qorti ta' reviżjoni). Din id-duplikazzjoni ta' analiżi fattwali u legali twassal għal spejjeż żejda konsiderevoli, għal dewmien u għal imponderabbiltà fejn tidħol l-azzjoni tal-vittma għad-danni.

Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda[10] li tiddaħħal ir-regola li ġejja:

- il-qrati nazzjonali li jkollhom jiddeċiedu dwar azzjonijiet għad-danni dwar prattiċi skond l-Artikolu 81 jew 82 li dwarhom **ANK** fl-ECN tkun diġà tat **deċiżjoni finali** li fiha taqtagħha li jkun seħħ ksur ta' dawk l-artikoli, jew li dwarhom **qorti ta' reviżjoni** tkun tat **sentenza finali** li tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-ANK jew li hija stess taqtagħha li kien hemm ksur, **ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra** deċiżjoni jew sentenza bħal din.

Dan l-obbligu għandu jkun japplika mingħajr ħsara għad-dritt, u possibbilment l-obbligu, tal-qrati nazzjonali li jitolbu kjarifika dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 81 jew 82 taħt l-Artikolu 234 tat-Trattat tal-KE.

Ir-regola mfissra hawn fuq tagħti biss effett lid-deċiżjonijiet li jkunu finali, jiġifieri meta l-konvenut ikun **eżawrixxa l-possibbiltajiet kollha ta' appell**, u jirrelataw biss ma' **l-istess prattiċi u l-istess impriża(i)** li dwarhom l-ANK jew il-qorti ta' l-appell ikunu sabu ksur.

---

9 Fl-Istati Membri kollha, id-deċiżjonijiet ta' ANK huma s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju. Id-deċiżjonijiet ta' ANK jitqiesu bħala *finali* meta ma jkunux jistgħu jiġu mistħarrġa aktar, jiġifieri deċiżjonijiet li dwarhom ma jkunx sar appell fit-termini applikabbli u għalhekk li jkunu ġew aċċettati minn dawk li lejhom ikunu indirizzati, u dawk li jkunu ġew ikkonfermati mill-qrati ta' reviżjoni kompetenti.

10 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 4 ta' l-SWP

2.4. Il-kriterju tal-ħtija

Meta l-ksur ta' l-Artikolu 81 jew 82 **ikun ġie ppruvat**, l-Istati Membri għandhom metodi differenti dwar ir-rekwiżit tal-**ħtija biex jinkiseb il-kumpens.**

Xi Stati Membri ma jeżiġux il-ħtija bħala kundizzjoni għal talba ta' danni dwar l-antitrust, jew jassumu b'mod irrifjutabbli l-eżistenza tal-ħtija darba li jkun ippruvat il-ksur. Il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġunijiet ta' politika kontra metodu bħal dan.

Fejn jidħlu l-Istati Membri l-oħra, il-każistika tal-Qorti dwar il-kundizzjonijiet ta' responsabbiltà ċivili għal ksur ta' regoli fit-Trattat applikabbli direttament, bħal ma huma l-Artikoli 81 u 82, kif ukoll dwar il-prinċipju ta' l-effettività jindikaw li kull obbligu dwar ħtija skond il-liġi nazzjonali għandu jkun limitat. Il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġunijiet biex, fuq il-bażi ta' nuqqas ta' ħtija, min jikkommetti l-ksur titneħħielu r-responabbiltà, barra milli fil-każijiet fejn dan ikun għamel żball skużabbli.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi[11] li għandha tittieħed miżura biex tagħmilha ċara, għall-Istati Membri li jeħtieġu li tiġi ppruvata l-ħtija, li:

- darba l-vittma **jkun ipprova l-ksur ta' l-Artikoli 81 jew 82, dak li jkun wettaq il-ksur għandu jkun responsabbli għad-danni sakemm ma jurix** li l-ksur kien ir-riżultat ta' **żball li jista' ġenwinament jiġi skużat.**

- żball ikun **skużabbli** meta ma jkunx possibbli li persuna raġjonevoli li tuża livell għoli ta' attenzjoni tinduna li l-imġiba kienet ixxekkel il-kompetizzjoni.

2.5. Danni

Il-Kummissjoni tilqa' l-konferma mill-Qorti tal-Ġustizzja tat-**tipi ta' dannu** li għalihom il-vittmi ta' ksur dwar antitrust għandu jkun possibbli għalihom li jiksbu kumpens[12]. Il-Qorti enfasizzat li l-vittmi għandhom, ta' l-anqas, jirċievu **kumpens sħiħ** għall-**valur reali tat-telf imġarrab.** Id-dritt għal kumpens sħiħ għalhekk ma jkoprix biss **it-telf reali** li jkun riżultat ta' żieda anti-kompetittiva fil-prezz, iżda wkoll **it-telf ta' profitt** bħala riżultat ta' xi tnaqqis fil-bejgħ u jinkludi **dritt għall-imgħax.**

Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, u sabiex jitqajjem għarfien fost dawk li jistgħu iwettqu ksur u fost il-vittmi potenzjali, il-Kummissjoni tissuġġerixxi l-kodifikazzjoni fi strument leġiżlattiv tal-Komunità ta' **l-*acquis communautaire* preżenti** dwar l-ambitu tad-danni li l-vittmi ta' ksur dwar l-antitrust jistgħu jirkupraw.

Darba li l-ambitu tad-danni jkun ċar, irid jiġi **kkalkulat** il-***quantum*** ta' dawn id-danni. Dan il-kalkolu, li jimplika tqabbil mas-sitwazzjoni ekonomika tal-vittma fix-**xenarju ipotetiku** ta' suq kompetittiv, ta' spiss ikun eżerċizzju tqil u kkomplikat. Jista' jsir **diffiċli żżejjed** jew anki pratikament impossibbli, jekk tkun strettament applikata l-idea li jrid dejjem jiġi kkalkolat b'mod preċiż l-ammont tad-dannu mġarrab. Barra minn dan, dispożizzjonijiet ikkomplikati ħafna ta' kif irid isir il-kalkolu jistgħu jkunu sproporzjonati meta mqabbla mad-dannu mġarrab.

---

[11] Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 5 ta' l-SWP

[12] *Manfredi* (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna xx) punti 95 u 97

Sabiex ***il-kalkolu tad-danni*** **jitħaffef** il-Kummissjoni għalhekk beħsiebha:[13]

- Tfassal qafas ta' gwida li tkun prammatika u li ma tkunx torbot għall-**kwantifikazzjoni** tad-danni f'każijet dwar antitrust, jiġifieri permezz ta' **metodi approssimattivi ta' kalkolu** jew inkella **regoli ssimplifikati dwar l-istima** tat-telf.

2.6. It-trasferiment ta' l-ispejjeż żejda

F'każ li l-klijent dirett ta' min iwettaq il-ksur ikun, totalment jew parzjalment, għadda l-ispejjeż żejda illegali lill-klijenti tiegħu stess (ix-xerrejja indiretti), jistgħu jqumu ħafna kwistjonijiet legali. Bħalissa, dawn jistgħu joħolqu livell għoli ta' inċertezza legali u diffikulatjiet f'azzjonijiet ta' danni dwar l-antitrust.

Il-problemi jqumu, min-naħa, jekk **min iwettaq il-ksur** jinvoka t-trasferiment ta' l-ispejjeż żejda **bħala difiża** kontra xi ħadd li jista' jitlob għad-danni, bl-argument li min jitlob għad-danni ma jkun ġarrab l-ebda telf peress li huwa jkun għadda ż-żieda fil-prezz lill-klijenti tiegħu.

Il-Kummissjoni tfakkar fl-enfażi tal-Qorti dwar **il-prinċipju tal-kumpens** u l-premessa tagħha li **d-danni** għandhom **ikunu disponibbbli għal kwalunkwe persuna milquta** li tista' tipprova li għandha rabta kawżali biżżejjed mal-ksur. Fuq dan l-isfond, dawk li jwettqu l-ksur għandhom jitħallew jinvokaw il-possibbiltà li l-ispejjeż żejda setgħu ġew trasferiti. Tabilħaqq, kieku kellha ma tiġix permessa din il-linja ta' difiża, jista' jseħħ **arrikkiment indebitu** tax-xerrejja li jkunu ttrasferew l-ispejjeż żejda u **kumpens multiplu** mhux xieraq għall-ispejjeż żejda li jkun ġabar l-akkużat. Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda[14] li:

- **il-konvenuti** għandu jkollhom **id-dritt li jinvokaw id-difiża bbażata fuq it-trasferiment** kontra pretenzjoni għal kumpens wara ħlas żejjed. Il-livell ta' prova għal din id-difiża m'għandux ikun anqas mil-livell ta' prova dwar il-ħsara li jkun impost fuq min iressaq it-talba.

Iqumu wkoll diffikultajiet, mill-banda l-oħra, jekk **xerrej indirett** jinvoka t-trasferiment ta' spejjeż żejda bħala bażi **biex juri kemm sofra ħsara.** Ix-xerrejja li jkunu fit-tarf, jew qrib it-traf, tal-katina tad-distribuzzjoni huma ta' spiss dawk li jsofru l-akbar dannu mill-ksur dwar l-antitrust, iżda peress li huma jkunu **'l bogħod mill-ksur**, isibuha partikolarment diffiċli li jġibu biżżejjed provi dwar l-eżistenza u l-firxa tat-trasferiment ta' l-ispejjeż illegali tul il-katina tad-distribuzzjoni. Jekk dawn ma jkunux jistgħu jipproduċu din il-prova, **ma jiġux ikkumpensati** u min ikun wettaq il-ksur, li seta' rnexxielu juża d-difiza tat-trasferiment kontra xi ħaddieħor li jkun ressaq talba, ikun gawda minn **arrikkiment indebitu.**

Sabiex tevita xenarju bħal dan, il-Kummissjoni għalhekk qed tipproponi li tħaffef il-piż fuq il-vittma u qed tissuġġerixxi[15] li:

- ix-xerrejja indiretti għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq il-presunzjoni ribattibbli li l-ispejjeż żejda illegali jkunu ġew kollha kemm huma trasferiti għal fuqhom.

---

13 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 6 ta' l-SWP

14 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 7 ta' l-SWP

15 Għar-raġunijiet sottostanti ara *ibid*

Fil-każ ta' azzjonijiet konġunti, paralleli jew konsekuttivi li jkunu tressqu minn xerrejja f'punti differenti tal-katina ta' distribuzzjoni, il-qrati nazzjonali huma mħeġġa biex jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmi kolllha li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom skond il-liġi nazzjonali, Komunitarja u internazzjonali sabiex jevitaw kumpens żejjed jew nieqes għad-danni kkawżati minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

2.7. Perjodu ta' preskrizzjoni

Filwaqt li l-perjodi ta' preskrizzjoni għandhom rwol importanti fejn tidħol **iċ-ċertezza legali**, jistgħu wkoll ikunu ta' **ostakolu** konsiderevoli għall-irkupru tad-danni, sew f'kawżi li jsiru waħedhom kif ukoll dawk li jsiru b'segwitu.

Fejn jidħol **il-bidu tal-perjodu ta' preskrizzjoni,** il-vittmi jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet prattiċi fil-każ li jkun hemm ksur kontinwu jew ripetut, jew meta ma jkunux jistgħu b'mod raġjonevoli jkunu saru jafu bil-ksur. Din ta' l-aħħar spiss tiġri fejn jidħol il-ksur l-aktar serju u ta' dannu tal-liġi tal-kompetizzjoni, bħal ma huma l-kartelli, li ta' spiss jibqgħu moħbija sew matul iż-żmien li jkunu jeżistu, kif ukoll wara.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tissuġġerixxi[16] li l-perjodu ta' preskrizzjoni **ma għandux jibda':**

- fil-każ ta' **ksur kontinwu jew ripetut,** qabel il-ġurnata li fih **il-ksur jieqaf;**
- qabel ma l-vittma tal-ksur tista' **b'mod raġjonevoli** tkun mistennija **li ssir taf bil-ksur u tal-ħsara** li jkun ikkawżalha.

Sabiex tibqa' miftuħa l-possibbiltà ta' azzjonijiet ta' segwitu, għandhom jittieħdu miżuri sabiex ikunu evitati perjodu ta' preskrizzjoni li jkunu jiskadu hekk kif **l-infurzar pubbliku** tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni (u mill-qrati ta' l-appell) **ikunu għadhom għaddejjin.** Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tippreferi l-għażla ta' **perjodu ġdid ta' preskrizzjoni li jkun jibda'** hekk kif awtorità tal-kompetizzjoni jew qorti ta' l-appell ikunu adottaw deċiżjoni ta' ksur, milli l-għażla li **jiġi sospiż il-perjodu ta' preskrizzjoni** matul il-proċedimenti pubbliċi.

Fil-każ ta' l-aħħar, dawk li jressqu t-talba (u l-konvenuti) xi drabi se jsibuha **diffiċli li jikkalkulaw** l-aħħar perjodu **bl-eżatt**, peress li l-ftuħ u l-għeluq tal-proċedimenti mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni mhux dejjem ikun magħruf pubblikament. Barra minn dan, jekk sospensjoni kellha tibda fi stadju tard ħafna tal-perjodu ta' preskrizzjoni, jista' jkun li **ma jkunx hemm biżżejjed żmien** biex tilħaq titħejja talba.

Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda[17] li:

- **perjodu ġdid ta' preskrizzjoni** ta' mill-anqas **sentejn** għandu jibda' hekk kif **id-deċiżjoni dwar ksur** li fuqha tkun tistrieh talba ta' segwitu, tkun saret **finali.**

2.8. L-ispejjeż ta' l-azzjonijiet għad-danni

L-ispejjeż marbuta ma' azzjonijiet ta' danni dwar l-antitrust, kif ukoll **ir-regoli tat-tqassim ta' l-ispejjeż** jistgħu jkunu diżinċentiv deċiżiv kontra li titressaq talba għad-danni dwar l-

---

16 Għar-raġunijiet sottostanti are Kapitlu 8 ta' l-SWP

17 Għar-raġunijiet sottostanti ara *ibid*

antitrust, peress li dawn l-azzjonijiet jistgħu jiġu jiswew ħafna flus u huma ġeneralment aktar kumplessi u jirrekjedu ħafna aktar żmien minn forom oħra ta' azzjonijiet ċivili.

Il-Kummissjoni għalhekk tqis li jkun utli għall-Istati Membri li jirriflettu fuq ir-regoli ta' l-ispejjeż u li jeżaminaw il-prattiċi li jeżistu madwar l-UE, sabiex **jippermettu azzjonijiet meritevoli** li fihom inklella l-ispejjeż jkunu talment għolja li jitressqux talbiet dwarhom, partikolarment minn dawk li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom tkun aktar dgħajfa, b'mod sinifikanti, minn dik tal-konvenut.

Trid tingħata wkoll konsiderazzjoni xierqa lill-mekkaniżmi li jseddqu **r-riżoluzzjoni bikrija tal-kawżi**, pereżempju permezz ta' ftehim. Dan ikun jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż tal-kawżi, jew jeliminahom għal kollox għall-partijiet, kif ukoll l-ispejjeż għas-sistema ġudizzjarja.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jikkunsidraw li jdaħħlu, fejn ikun xieraq, limiti fuq il-livell ta' l-ispejjeż **tal-qrati** li jkunu applikabbli għal azzjonijiet ta' danni dwar l-antitrust.

Fl-aħħarnett, l-Istati Membri huma mistiedna jirriflettu fuq **ir-regoli tagħhom dwar it-tqassim ta' l-ispejjeż** sabiex inaqqsu l-inċertezza għal dawk li potenzjalment jistgħu jressqu talba dwar l-ispejjeż li jista' jkun ikollhom iġorru. Il-prinċipju ta' "iħallas min jitlef", li jipprevali fl-Istati Membri ta' l-UE, għandu funzjoni importanti biex jitwarrbu każijiet mhux meritevoli. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi, dan il-prinċipju jista' wkoll jaqta' qalb il-vittmi li jkollhom talbiet meritevoli. Jista' jkun għaldaqstant li l-qrati nazzjonali jkollhom jingħataw is-setgħa li jidderogaw minn dan il-prinċipju, pereżempju billi jiggarantixxu li xi ħadd li jressaq talba iżda jitlef il-kawża ma jkollux iġorr dawk l-ispejjeż tal-konvenut li ma kinux meħtieġa jew li jkun weħel b'mod vessatorju, jew li b'xi mod ieħor ikunu eċċessivi.

Il-Kummissjoni għalhekk tħajjar[18] lill-Istati Membri:

- jfasslu regoli ta' proċedura li jseddqu **l-ftehim**, bħala mod kif jitnaqqsu l-ispejjeż;
- jistabbilixxu **spejjeż tal-qrati** b'mod xieraq sabiex dawn ma jkunux ta' diżinċentiv sproporzjonat kontra talbiet ta' danni dwar l-antitrust;
- jagħtu lill-qrati nazzjonali l-possibbiltà li joħorġu **ordinijiet ta' spejjeż** li jidderogaw, f'ċerti każijiet ġustifikati, mir-regoli normali ta' l-ispejjeż, preferibbilment minn qabel ma jibdew il-proċedimenti. Ordnijiet tal-qorti bħal dawn ikunu jiggarantixxu li min iressaq it-talba, anki jekk ma jirbaħx il-kawża, ma jkollux iġorr l-ispejjeż kollha li tkun weħlet il-parti l-oħra.

2.9. Interazzjoni bejn programmi ta' klemenza u azzjonijiet għad-danni

Ikun importanti, sew għall-infurzar pubbliku kif ukoll dak privat, li jiġi żgurat li l-programmi ta' klemenza jkunu attraenti.

Trid tkun żgurata **protezzjoni xierqa kontra d-divulgazzjoni f'azzjonijiet privati għad-danni** fil-każ ta' **dikjarazzjonijiet li jagħmlu l-impriżi** meta japplikaw għall-klemenza sabiex ma jiġrix li applikant jitqiegħed f'sitwazzjoni anqas favorevoli minn dawk l-oħrajn li jkunu qed iwettqu l-ksur flimkien miegħu. Inkella, it-theddida ta' divulgazzjoni tad-

[18] Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 9 ta' l-SWP

dikjarazzjoni li tkun ippreżentata mill-applikant għall-klemenza jista' jkollha influwenza negattiva fuq il-kwalità tas-sottomissjonijiet tiegħu, jew anki jiġri li xi ħadd li jwettaq ksur jaqta' qalbu għal kollox milli japplika għall-klemenza.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tissuġġerixxi[19] li din il-protezzjoni għandha tkun applikata:

- għad-**dikjarazzjonijiet kollha ta' l-impriżi** li jsiru **mill-applikanti kollha għall-klemenza** f'relazzjoni ma' ksur ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE (anki fejn tkun applikata b'mod parallel liġi nazzjonali dwar l-antitrust):

- sew jekk l-applikazzjoni għall-klemenza tkun aċċettata, kif ukoll jekk ma tkunx, jew jekk ma twassal għall-ebda deċiżjoni mill-awtorità tal-kompetizzjoni.

Din il-protezzjoni tapplika meta d-divulgazzjoni tkun ordnata mill-qorti, sew jekk **qabel jew inkella wara li tkun adottata deċiżjoni** mill-awtorità tal-kompetizzjoni. Id-divulgazzjoni volontarja ta' dikjarazzjonijiet ta' l-impriżi minn applikanti għall-immunità u għat-tnaqqis tal-multi għandha tkun eskluża mill-anqas sakemm tinħareġ dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet.

Miżura ulterjuri li tiżgura li l-programmi ta' klemenza jkomplu jkunu attraenti bis-sħiħ tista' tkun li tiġi limitata r-responsabbiltà ċivili ta' dawk li japplikaw b'suċċess għall-immunità. Il-Kummissjoni għalhekk qed tressaq għal aktar kunsiderazzjoni[20] l-possibbiltà li **r-responsabbiltà ċivili ta' *min jirċievi l-immunità*** tkun limitata **għal talbiet mis-sieħba kuntrattwali diretti u indiretti tiegħu.** Dan ikun ta' għajnuna biex l-ambitu tad-danni li għandhom jitħallsu minn dawk li jirċievi l-immunità jsir aktar previdibbli u aktar limitat, mingħajr ma dawn ma jkunu mħarsa żżejjed kontra r-responsabbiltà ċivili għall-parteċipazzjoni tagħhom fi ksur. Dak li jirċievi l-immunità jkun irid iġorr il-piż tal-prova dwar sa liema punt għandha tkum limitata r-responsabbiltà tiegħu. Madankollu, trid tingħata kunsiderazzjoni b'mod partikolari għall-ħtieġa ta' miżura bħal din u l-impatt li jista' jkollha fuq il-kumpens sħiħ ta' vittmi ta' kartelli u dwar il-pożizzjoni ta' dawk l-oħrajn li jkunu wettqu ksur flimkien, speċjalment applikanti oħra għall-klemenza.

---

19 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 10, sezzjoni B.1 ta' l-SWP

20 Għar-raġunijiet sottostanti ara l-Kapitlu 10, sezzjoni B.2 ta' l-SWP

Il-Kummissjoni qed tistieden kummenti dwar din il-*White Paper.* Dawn jistgħu jintbagħtu sal-15 ta' Lulju 2008, jew permezz ta' *e-mail* lil:

comp-damages-actions@ec.europa.eu

jew bil-posta lil:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, Unità A 5
Azzjonijiet ta' danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust
B-1049 Brussell.

Hija prattika standard fi ħdan id-DĠ Kompetizzjoni li jippubblika s-sottimissjonijiet rċevuti bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika. Madanakollu hu possibli li jintalab li s-sottomissjonijiet jew partijiet minnhom jinżammu kunfidenzjali Jekk dan ikun il-każ, jekk jogħġbok indika b'mod ċar fuq il-paġna ta' quddiem tas-sottomissjoni tiegħek li din m'għandhiex tiġi ppubblikata u ibgħat verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sottomissjoni tiegħek lid-DĠ Kompetizzjoni, biex din tiġi ppubblikata.